IL-BIRGU
Citta' Vittoriosa

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birgu

# It-Tmien Legislatura

# Laqgħa Numru 24

Il-Kunsill Lokali Birgu ltaqa' għal din il-laqgħa fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija (5:30pm) it-Tlieta 25 ta' Awwissu 2020.

**PREŻENTI:**

Is-Sur John Boxall – Sindku
Is-Sur Anton Gellel - Kunsillier
Is-Sur Trevor Mizzi – Kunsillier
Is-Sur Jason Portelli – Kunsillier

**ASSENTI:**

Is-Sur Christopher Cassar – Vici-Sindku

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sur Christian Lawrence Raggio Vella – Aġent Segretarju Eżekuttiv

**MINUTI**

Is-Sindku s-Sur John Boxall qal it-talba u ppresedja l-laqgħa.

**24.1 Qari tal-ittri ta' Apoloġija**

Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

**24.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ressaq il-Minuti tal-Laqgħa Numru 23 għall-approvazzjoni. Is-Sindku flimkien mal-kunsilliera, approvawhom unanimament.

**24.3 Korrispondenza**

24.3.1 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sinjura Josianne Cassar responsabbli mill-ġemellaġġi fi ħdan il-Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali sabiex tinforma lill-kunsill li l-Onorevoli Ministru approva l-ġemellaġġ bejn il-lokalità tal-Birgu u San Lawrenz Għawdex.

24.3.2 Preżentata korrispondenza mibgħuta mill-kunsiller is-Sur Jason Portelli dwar it-talba li waslet għandu sabiex il-Kumitat Festi Esterni San Duminku jqabbad u jixgħel tlett (3) fustumi tad-dawl fuq Couvre Porte fi żmien il-festa ta' San Duminku.

24.3.3 Preżentata l-applikazzjoni għall-fondi mill-Awtorità tal-Ippjanar dwar ir-restawr tal-fanali tat-toroq li ser jitwaħħlu flok dawk moderni li hemm fil-parti l-ġdida tal-Birgu u toroq oħra.

24.3.4 Imressqa quddiem il-kunsill diversi ritratti ta' nies li qed jiddisponu mill-iskart tagħhom qrib il-bring-in site b'mod ħażin. Dawn ir-ritratti kienu mibgħuta mil-LESA sabiex jinħarġu ċitazzjonijiet għal min qed iħammeġ u għalhekk ikun qed jikser il-liġi.

24.3.5 Preżentata korrispondenza mibgħuta lis-Sur Mitja Bukovec dwar ideat ta' proġetti jew attivitajiet iffinanzjati mill-Unjoni Ewropea li jistgħu jsiru fil-Birgu bejn Frar u Ġunju 2021 b'relazzjoni ma' ilbies tradizzjonali bħal-logħob, strumenti, ilbies, eċċ.

24.3.6 Preżentata ittra mibgħuta mill-Pirjol P. Aaron Zahra mill-Kunvent tad-Dumnikani tal-Birgu fejn qed jistieden lis-Sindku, Kunsilliera u s-Segretarju Eżekuttiv għall-quddiesa Solenni bil-paniġierku nhar il-Ħadd 30 ta' Awwissu 2020 fis-6:00pm fl-okkażjoni tal-Festa ta' San Duminku ta' Gużman.

24.3.7 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sinjura Marie Van Maldeghem, Project Assistant għall-proġett ta' Town Twinning sabiex tikkonferma li l-Kunsill Lokali tal-Birgu ser ikun qed iwettaq dan il-proġett matul Ottubru fil-Birgufest 2020. Is-Sindku spjega li għall-fini ta' fondi, kien ħa parir sabiex għalissa jmexxi bil-proġett u jekk kemm-il darba aktar 'il quddiem ikun impossibli li jsir, jiddikjara li dan mhux se jsir lejn nofs ix-xahar ta' Settembru 2020. Il-kunsillera qablu unanimament.

**N.B. 6:10pm Il-Kunsiller Jason Portelli talab li jkun skużat minħabba raġunijiet ta' saħħa personali.**

**N.B. 6:10pm Il-Kunsillier Trevor Mizzi ingħaqad fil-laqgħa.**

## 24.4 Deċiżjoni u għażla ta' Skrivan/a full-time (Skala 15)

Is-Sindku flimkien mal-Kunsillera preżenti, għamlu evalwazzjoni tal-persuni li ġew għall-interviews wara li saret is-sejħa għal skrivan/a full-time skala 15 mal-Kunsill Lokali tal-Birgu. Wara d-diskussjoni li saret, kien hemm qbil bejn dawk preżenti li jintgħażel is-Sur Hayden Cachia. Dan kellu jiġi avżat mis-Sindku sabiex ikun jista' jibda l-impjieg tiegħu b'mod immedjat fil-front office tal-kunsill fil-Berġa ta' Franza.

## 24.5 Pubblikazzjoni ta' Tenders; Contract's Manager, Imprint Concrete, Maintance Road Works u Street Sweeping.

Is-Sindku informa lill-kunsilliera preżenti li ġie ingaġġat is-Sur Wayne Caruana sabiex jassisti lill-Kunsill Lokali tal-Birgu fil-pubblikazzjoni ta' dawn it-tenders imsemmija. Dawn it-tenders kienu importanti li jinħarġu sabiex ikunu jistgħu jibdew xi xogħlijiet bżonnjużi fil-lokalità filwaqt li jinħatar Contract's Manager sabiex imexxi dawn ix-xogħlijiet f'isem il-Kunsill.

## 24.6 CCTV Cameras tal-Kunsill madwar il-lokalità tal-Birgu

Is-Sindku informa lill-kunsillera preżenti li tlestiet l-ewwel fażi tal-installazzjoni tal-cameras madwar il-Birgu sabiex jitwaqqfu l-illegalitajiet ta' rimi ta' skart b'mod illegali. Dawn il-cameras twaħħlu il-Mandraġġ, il-Fortini, Triq it-Torri ta' San Ġwann, Triq il-Foss u fuq is-Simenta.

## 24.7 Komunikazzjoni mis-Sindku

24.7.1 Is-Sindku preżenta diversi kwotazzjonijiet ta' Scaffolding għall-Berġa ta' Franza biex jintuża għal diversi skopijiet. Is-Sindku qal li għandhom jaslu aktar quotations ħalli finalment tintgħażel l-irħas waħda sabiex l-iscaffolding ikun jista' jinxtara.

24.7.2 Is-Sindku informa lill-kunsilliera li s-Sur Christopher Cope ġie ingaġġat bħala ħaddiem taħt l-iskema 'Xogħol fil-Komunità' mal-Kunsill Lokali tal-Birgu fejn ser ikun qed jagħmel xogħol li jkun imqabbad skont il-bżonn tal-Kunsill.

24.7.3 Is-Sindku preżenta żewġ applikazzjonijiet, tas-Sur Jonathan Elsworth u s-Sinjura Marisabel Spiteri fejn qed japplikaw għas-sejħa li saret internament għal skrivana Skala 13. Is-Sindku flimkien mal-kunsilliera preżenti approvaw unanimament dawn iż-żewġ applikazzjonijiet.

24.7.4 Is-Sindku preżenta żewġ (2) quotations, waħda għal għaxar (10) bnadar żgħar b'qies ta' 2 x 1.3 metri u oħra għal għaxar (10) bnadar kbar b'qies ta' 10 piedi bi 15-il pied, sabiex dawn jibdew u jitħallew imtgħellin fuq l-arblu tal-kunsill li jinsab fic-central strip qabel tidħol mill-mina l-ġdida. Il-bnadar iż-żgħar se jintużaw għall-arbli tal-kunsill li jinsabu fil-Pjazza tal-Birgu. Dawn il-bnadar huma printjati u huma ta' kwalità tajba. Is-Sindku flimkien mal-kunsilliera preżenti approvaw unanimament dawn il-quotations.

24.7.5 Is-Sindku qal li hekk kif issa għaddiet sena mill-ħidma tal-kunsill, kull kunsillier irrid jipprepara rapport amministrattiv tax-xogħol li wettaq skont id-dekasteru tiegħu. Kull rapport għandu jingħaqad sabiex jiġi fformolat ir-Rapport Annwali Amministrattiv tal-Kunsill Lokali tal-Birgu.

24.7.6 Is-Sindku qal li s-sitwazzjoni preżenti tal-pajjiż ma tippermettix (minħabba ħafna restrizzjonijiet) li jsir il-Birgufest 2020. Is-Sindku flimkien mal-kunsilliera preżenti qablu li din is-sena l-attività kollha għandha titħassar. Apparti hekk, il-proġett tal-Unjoni Ewropea relatat mal-Birgufest 2020, kellu jiġi sosspendut lejn nofs Settembru ħalli b'hekk ma jintilfu 'l ebda fondi u l-flus li kien ser jieħu l-kunsill jiġu trasferiti għal proġetti oħrajn.

24.7.7 Is-Sindku qal li minħabba s-sitwazzjoni preżenti tal-COVID-19, ma kienx jaqbel li jsiru wkoll iċ-ċelebrazzjonijiet ta' Jum il-Birgu. Ġie deċiż li ssir biss quddiesa ta' ringrazzjament fil-Parroċċa ta' San Lawrenz is-Sibt 5 ta' Settembru 2020 u wara jitpoġġew il-kuruni f'riġlejn il-Monument tal-Vitorja fil-Pjazza. Għaldaqstant kellhom joħorġu l-inviti lill-għaqdiet u jiġu mistiedna żewġ

rappreżentanti mill-għaqdiet tal-Birgu. Is-Sindku qal li għal din is-sena, la darba ma jingħatax Ġieħ il-Birgu, fuq l-irħama li nsibu fil-Berġa ta' Franza, jiġi mniżżel li dan il-ġieħ ma ingħatax minħabba l-epidemija tal-COVID-19. Il-kunsilliera preżeti qablu unanimament.

24.7.8 Il-kunsillier s-Sur Trevor Mizzi qal lis-Sindku li xi residenti minn Tal-Ħawli talbuh sabiex jinżabar xi ħaxix ħażin li hemm f'xi toroq. Is-Sindku qal li se jibgħat lill-ħaddiema jagħmlu dan ix-xogħol l-għada. Is-Sur Mizzi ġibed ukoll l-attenzjoni dwar il-bajja ta' quddiem il-Forti ta' Sant Anġlu li dan l-aħħar qed tkun frekwentata minn ħafna nies u qed iħallu l-ħmieġ warajhom. Huwa talab lis-Sindku sabiex issir komunikazzjoni mal-Onor. Deo Debattista sabiex din l-area tkun meqjusa bħala bajja u jibdew jintbagħtu wkoll ħaddiema tal-bajjiet li sabiex jagħmlu t-tindif neċessarju bħal bajjiet oħra. Is-Sindku qal li ser jagħmel din il-komunikazzjoni mal-Onor. Deo Debattista u/jew mal-Ministru Julia Farrugia.

**24.8 Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti**

Is-Sindku, s-Sur John Boxall ressaq ghall-approvazzjoni l-Iskeda tal-Pagamenti li tkopri ċ-ċekkijiet bin-numri, BOV 5570 sa BOV 5569. Il-Kunsilliera preżenti approvaw b'mod unanimu l-iskeda ta' Pagamenti datata 29 ta` Lulju 2020 sal-25 ta` Awwissu 2020.

**24.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa intemmet fit-tmienja ta` filghaxija (8.00pm). Is-seduta li jmiss tal-Kunsill Lokali tal-Birgu se ssir it-Tlieta 22 ta` Settembru 2020 fil-ħamsa u nofs ta` filgħaxija (5:30pm).

Konfermati illum: **22 ta' Settembru 2020.**

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| John Boxall | Christian Lawrence Raggio Vella |
| Sindku | Aġent Segretarju Eżekuttiv |